# *VITTMI TAL-GWERRA MITMUMA ĦAMSIN SENA ILU.*

Ħamsin sena ilu, fl-1945, ntemmet it-tieni gwerra dinjija. Kienet gwerra li ħalliet tifkiriet koroħ anke għar-raħal ta' Sannat. Qed nirreferu b'mod partikolari għall-ġrajja tal-10 t'Ottubru 1942 meta numru ta' nies minn dan ir-raħal spiċċaw vittmi ta' nċident ikraħ.



Dar Nur. 19 Triq il-Knisja (illum Triq Dun Xand Aquilina)
10-10-1942 (meħud minn naħa ta' wara)

Kien is-Sibt, 10 t'Ottubru 1942, meta fil-10.15 a.m. żewġ ajruplani "bombers" Ġermaniżi tat-tip "Junkers 88" (fil-qosor, Ju 88) li probabilment kienu għadhom ġejjin mill-bażi ta' Fontanarossa f'Catania (Sqallija), fejn ajruplani ta' dan it-tip kienu bbazati, dehru jittajru fuq ir-Rabat (Għawdex). Kienu fi triqthom lejn Malta wara li diġa' kienu ħelsuha minn attakki t'ajruplani "Spitfires" Ingliżi hekk kif kienu għadhom jittajru fuq il-baħar. Iżda kif waslu fuq ir-Rabat (Għawdex) reġgħu ġew attakkati minn "Spitfires" oħrajn u, biex jeħilsu minn kull toqol u xkiel, rhew il-bombi tagħhom. Incidentalment, il-bombi tqal u ta' kalibru kbir waqgħu fuq ir-raħal ta' Sannat, sewwasew fi triq il-Kbira u fl-inħawi tagħha. Ir-riħ ("blast") tal-isplużjonijiet inħass



Ajruplan tat-tip "Junkers 88" (Ju 88) - Ħajr lil Modelaid International Publications).

saħansitra fir-Rabat (Għawdex). Sittin dar fir-raħal ġarrbu ħsarat waqt li sittax oħra sfaw meqruda għal kollox. Dan kollu seħħ fi żmien ġimgħa mindu ngħata t-3,000 sinjal ta' ħbit mill-ajru fuq Malta.

Waħda mill-bombi ġiet ġewwa għalqa eżatt wara l-forn magħruf bħala "ta' Salun" li kien fejn illum jinsab il-post nru. 3, triq il-Kbira. Minħabba li f'dak il-ħin, għall-ħabta tal-10.30 a.m., il-forn kien mimli bin-nies, mhux biss iġġarra fil-forn iżda anke bosta persuni sfaw vittmi. Tobba,

tkompli f'paġna 11

*jaqbad minn paġna 9*

# *VITTMI TAL-GWERRA MITMUMA ĦAMSIN SENA ILU.*

nfermieri, nies tal-A.R.P., membri tal-"King's Own Malta Regiment" (fil-qosor, K.O.M.R.), membri tas-sezzjoni "Demolition and Clearance", u mhux l-inqas l-arcipriet ta' Sannat Dun Ġużepp Cassar, pulizija, u bosta Sannatin marru fuq il-post biex jagħtu kull għajnuna meħtieġa.

It-total tal-mejtin f'dik il-ġurnata kien sittax, filwaqt li ħafna oħrajn sfaw feruti, ikoll vittmi ta' destin ikraħ riżultat ta' "attakk" fejn il-mira originarjament ippjanata żgur ma' kienx ir-raħal ta' Sannat.

## Bibliografija:


- *Il-Berqa* (12 ta' Ottubru, 1942) 2.

- BEZZINA, FRANK, *Il-Qilla ta' l-Għadu Fuq u Madwar Għawdex: 1940-1943,* Gozo 1977, 63-71.

- BEZZINA, JOSEPH, *Sannat Fi Ġrajjet Għawdex*, Gozo 1989, 475-479.

- CARUANA, RICHARD J., *Air War Over Malta: The Axis*, ed. by Michael Bonello, Malta 1990, 24.40.

- GALEA, MICHAEL, *Malta Diary of a War: 1940-1945,* Malta 1992, 175-176

- *Leħen is-Sewwa* (12 ta' Ottubru, 1942) 3.

- *The Sunday Times of Malta* (October II, 1942) I.

- VELLA, PHILIP, *Malta: Blitzed but not Beaten*, Malta 1985, 266 fl.


**N.B.** Għalkemm fit-tlett gazzetti hawn iċċitati l-isem tar-raħal f'Għawdex ma' jissemmiex, huwa ovvju li r-riferenza hija għal Sannat għax f'dik il-ġurnata f'Għawdex ma' sar l-ebda ħbit millajru li ħalla sittax-il ruħ mejta ħlief f'dan ir-raħal.


ansil interior design

for commercial and domestic interior design

ANSIL INTERIOR DESIGN
P.O. Box 8, Ghajnsielem GSM 101, Gozo, Malta.
Telephone: 551317